32005R1347

L 212/26 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA’ L-UNJONI EWROPEA 17.8.2005

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1347/2005

## tas-16 ta' Awwissu 2005

## li jemenda għall-51 darba r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati ma’ Usama bin Laden, in-netwerk ta’ Al-Qaida u t-Taliban, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 467/2001

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 tas-27 ta' Mejju li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati ma’ Usama bin Laden, in-netwerk ta’ Al-Qaida u t-Taliban, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 467/2001 li jipprojbixxi l-esportazzjoni ta’ ċerti oġġetti u servizzi lejn l-Afganistan, isaħħaħ il-projbizzjoni ta’ titjiriet u jestendi l-iffriżar ta’ fondi u riżorsi finanzjarji oħra fir-rigward tat-Taliban tal-Afganistan[1], u b'mod partikolari t-tieni inċiż tal-Artikolu 7(1) tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness II għar-Regolament (KE) Nru 881/2002 jelenka l-awtoritajiet kompetenti li lilhom għandhom jintbagħtu l-informazzjoni u t-talbiet li jikkonċernaw il-miżuri imposti minn dak ir-Regolament.

(2) Il-Ġermanja, il-Litwanja, l-Olanda u l-Iżvezja talbu li d-dettalji tal-indirizz li jirrigwardaw l-awtoritajiet kompetenti tagħhom ikunu emendati,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT

*Artikolu 1*

L-Anness II għar-Regolament (KE) Nru 881/2002 b'dan hu emendat skont l-Anness għal dan ir-Regolament.

[1] ĠU L 139, 29.5.2002, p. 9. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1278/2005 (ĠU L 202, 3.8.2005, p. 34).

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 16 ta' Awwissu 2005.

*Għall-Kummissjoni*

Eneko LANDÁBURU

***Id-Direttur Ġenerali tar-Relazzjonijiet Esterni***

# ANNESS

L-Anness II għar-Regolament (KE) Nru 881/2002 huwa emendat kif ġej:

1. Id-dettalji tal-indirizz taħt l-intestatura "il-Ġermanja" se jiġu ssostitwiti b'li ġej:

– '-*dwar l-iffriżar ta' fondi*:

Id-Deutsche Bundesbank

Servicezentrum Finanzsanktionen

D-80281 München

Tel: (49-89) 28 89 38 00

Faks: (49-89) 35 01 63 38 00

– '-*dwar l-iffriżar ta' riżorsi ekonomiċi:*

Bundesamt für Wirtschaft und Ausfuhrkontrolle (BAFA)

Frankfurter Straße 29-35

D-65760 Eschborn

Tel: (49-6196) 908-0

Faks: (49-6196) 908-800'»

2. Id-dettalji tal-indirizz taħt l-intestatura 'Litwanja' għandhom jiġu ssostitwiti b'li ġej:

'Il-Ministeru tal-Affarijiet Barranin

Dipartiment tal-Politika Soċjali

J.Tumo-Vaizganto 2

LT-01511 Vilnius

Tel: (370-5) 236 25 16

Faks: (370-5) 231 30 90'»

3. Id-dettalji tal-indirizz taħt l-intestatura 'l-Olanda' għandhom jiġu ssostitwiti b'li ġej:

'Ministerie van Financiën

Directie Financiële Markten/Afdeling Integriteit

Postbus 20201

2500 EE Den Haag

L-Olanda

Tel: (31-70) 342 89 97

Faks: (31-70) 342 79 84'»

4. Id-dettalji ta' l-indirizz taħt l-intestatura "l-Iżvezja" għandhom jiġu ssostitwiti b'li ġej:

**"ARTIKOLU 2A**

Försäkringskassan

S-103 51 Stokkolma

Tel: (46-8) 786 90 00

Faks: (46-8) 411 27 89

**ARTIKOLU 4**

Rikspolisstyrelsen

Box 12256

S-102 26 Stokkolma

Tel: (46-8) 401 90 00

Faks (46-8) 401 99 00.

**ARTIKOLU 5**

Finansinspektionen

Box 6750

S-113 85 Stokkolma

Tel: (46-8) 787 80 00

Faks: (46-8) 24 13 35'»